MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-15 ta' April, 2005

Talba Numru. 1934/2004

**NB Engineering Services Limited**

**vs**

**Panorama Hotel u b'digriet datat 6 ta' Jannar, 2005 giet kjamata in kawza Panorama Ltd.**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Ottubru, 2004 fejn intalab il-hlas tas-somma ta' mitejn u sitt liri Maltin u hamsin centezmu (Lm206.50) ghall-servizz li s-socjeta` attrici taghat lill-konvenut fuq struzzjonijiet tieghu, u ghalkemm debitament interpellat il-konvenut baqa' nadempjenti.**
**Ghalkemm il-konvenut kien originarjament ikkonsenja zewg cheques lis-socjeta` attrici ghall-ammont mitlub, wara li dawn gew ipprezentati l-bank, dawn gew ritornati lura bil-kliem « refer to drawer ».**

**Ghaldaqstant is-socjeta` attrici titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' tlett mija u tnax-il lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm312.23). Bl-imghax mit-30 ta' April, 2004 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tas-27 ta' Lulju, 2004 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata fis-26 ta' Jannar, 2005 fejn intqal illi s-socjeta` konvenuta ma hijiex debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont mitlub f'dina t-talba. Fil-fatt fil-mori tal-kawza gie mibghut cheque fl-ammont ta' Lm53.10 li huwa l-ammont li huwa dovut lis-socjeta` attrici. Zgur li s-socjeta` konvenuta ma nkarigatx lis-socjeta` attrici tipprestalha servizzi li jammontaw ghall-ammont ta' Lm206.50 reklamat minnha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Michael Camilleri, Carmelo Vella, u Nicholas Bellizzi.**

**Ikkunsidra :**

**1. L-attur qed ifittex ghall-hlas ghall-servizzi rezi in konnessjoni ma' boilers li hemm fil-Panorama Hotel.**

**2. Is-socjeta` konvenuta qed tghid li hi ma inkarigatx lill-attur sabiex jippresta dawk is-servizzi.**

**3. Jirrizulta li fil-bidu ta' Marzu, 2004, kien hemm incident fil-lukanda fil-boilers. Il-Hotel ikkuntattja lill-assigurazzjoni, li qabbdet lill-Inginier Ray Spiteri, u dan baghat lill-Inginier Nicholas Bellizzi sabiex jaghmel l-inspection.**

**4. Jirrizulta li kif kien hemm, l-Inginier Bellizzi offra li jittestja d-duhhan tal-boilers kif ukoll jaghmel safety tests fuq l-istess. Kien Joe Barbara, general manager tal-lukanda li qallu biex jipprocedi bit-testijiet. Filwaqt li Carmelo Vella, ghas-socjeta` konvenuta qal testwalment : « meta qalli dwar il-boilers biex jaghmillu inspection, jiena ghidtlu ghamel inspection. ».**

**5. Jirrizulta ukoll skond e-mail mibghuta mis-socjeta` assikurattrici GasanMamo lil Panorama Hotel, illi : ghal dak li jikkoncerna lilhom meta baghtu lill-Inginier Spiteri : « The above services were related solely to the claim in question and the respective fee**

**charged was settled with Ing. Bellizzi by GasanMamo Insurance Ltd accordingly. » Dok.CV1.**

**6. It-Tribunal hu tal-fehma li d-Dok CV1 kien jirrigwarda biss l-inspection, u mhux ix-xoghol ta' certifikazzjoni u dismantling. Dana referibilment ghall-Invoice Dok.NB1 li ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal ma hux dovut lis-socjeta` attrici, pero` il-kumplament tax-xoghol jirrizulta li sar fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta, u ta' dan ghandu jithallas l-attur, u dana referibilment ghall-invoices Dok.NB2 u NB3. Dawn ta' l-ahhar igibu b'kollox l-ammont ta' mija u wiehed u sebghin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm171.10) li huma dovuti lis-socjeta` attrici.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' mija u wiehed u sebghin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm171.10), u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u wiehed u sebghin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm171.10) bl-imghax legali dekoribbli mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal tlett kwarti mis-socjeta` konvenuta u kwart mis-socjeta` attrici.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------